



Brussell, 6 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10062/19

ENFOPOL 289

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	6 ta' Ġunju 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9533/19	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tal-attivitajiet ta' prevenzjoni mill-pulizija Ewropej – Konklużjonijiet tal-Kunsill (6 ta' Ġunju 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tal-attivitajiet ta' prevenzjoni mill-pulizija Ewropej, adottati mill-Kunsill fit-3697 laqgħa tiegħu li saret fis-6 ta' Ġunju 2019.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tal-attivitajiet ta' prevenzjoni mill-pulizija
Ewropej**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR li skont l-Artikolu 67(3) TFUE, l-Unjoni għandha tagħmel hliitha biex tiżgura livell għoli ta' sigurtà, fost l-oħrajn permezz ta' miżuri għall-prevenzjoni tal-kriminalità u tal-ġlieda kontriha, u permezz ta' miżuri għall-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-pulizija u dawk ġudizzjarji u awtoritajiet kompetenti oħra,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-linji gwida strateġiċi fil-qasam tas-sigurtà interna¹ enfasizzaw l-importanza tal-prevenzjoni tal-kriminalità,

FILWAQT LI JQIS il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna Mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020, li jissottolinjaw l-importanza li l-atturi rilevanti kollha skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom jikkontribwixxu biex isawru l-kundizzjonijiet pożittivi ta' sigurtà fi ħdan l-Unjoni Ewropea u fl-Istati Membri tagħha u biex jippromwovu miżuri preventivi, b'mod partikolari permezz ta' approċċ multidixxiplinari u integrat,

KONXJU li f'era ta' mobbiltà, l-isfidi qed isiru aktar kumplessi, u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għandhom għalhekk jadattaw l-imġiba tagħhom kontinwament biex ilaħħqu mad-dinamika tal-ambjent kriminali,

¹ Tampere 1999, Programm ta' The Hague 2004, Programm ta' Stokkolma 2010

FILWAQT LI JIRRIKONNOXXI li d-differenzi lingwistiċi u kulturali jistgħu jitqiesu bħala sfida għall-uffiċjali tal-pulizija lokali meta jiffaċċaw konċentrazzjonijiet ta' ċittadini minn Stat Membru ieħor,

KONVINT li wħud mill-isfidi lingwistiċi u kulturali fir-rigward tal-konċentrazzjonijiet kbar ta' ċittadini minn Stat Membru ieħor jistgħu jingħelbu minn ċerti aspetti tal-attivitajiet ta' prevenzjoni mill-pulizija Ewropej, li jfisser it-tisħiħ tal-kooperazzjoni, b'mod partikolari permezz ta' pattulji u operazzjonijiet konġunti fejn l-uffiċjali tal-pulizija tal-istess nazzjonalità jintbagħtu jaħdmu flimkien mal-forzi tal-pulizija tal-Istat ospitanti,

FILWAQT LI JINNOTA li l-attivitajiet ta' prevenzjoni mill-pulizija huma marbuta b'mod inerenti mal-prevenzjoni tal-kriminalità, li tkopri l-miżuri kollha maħsuba biex inaqqsu jew b'xi mod ieħor jikkontribwixxu għat-tnaqqis fil-kriminalità u fis-sentimenti ta' nuqqas ta' sigurtà taċ-ċittadini, fil-kwantità u fil-kwalità, primarjament permezz ta' politiki u azzjonijiet imfassla biex inaqqsu l-potenzjal għall-kriminalità u l-kawżi tal-kriminalità, kif ukoll billi jipprevjenu direttament attivitajiet kriminali,

FILWAQT LI JFAKKAR fid-Deċiżjonijiet ta' Prüm, li jippermettu lill-Istati Membri jwettqu pattulji konġunti u operazzjonijiet konġunti oħra biex jipprevjenu reati kriminali u biex iżommu l-ordni pubbliku u s-sigurtà fit-territorju ta' Stat Membru ieħor u biex jipprovdu assistenza reċiproka lil xulxin fil-każ ta' ġemgħat tal-massa u avvenimenti kbar oħra simili, diżastri u aċċidenti serji,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-*konverġenza tas-sigurtà interna*², adottati waqt il-Presidenza Franċiża fl-2008, li jistabbilixxu skambji temporanji ta' persunal fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, b'mod partikolari fil-qafas tal-għases tal-pulizija Ewropej³, u li jistiednu lill-korpi kompetenti biex iwettqu evalwazzjonijiet regolari tal-miżuri meħuda,

² Kunsill ĠAI, Ottubru 2008

³ Abbażi tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Prüm, fis-seħħ dak iż-żmien.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-valur miżjud tal-attivitajiet konġunti ta' taħriġ, bħal dawk żviluppati bejn Spanja u Franza (Valdemoro), li joħolqu rabtiet aktar mill-qrib, iżidu l-interoperabbiltà u l-għarfien reċiproku, u jsaħħu l-azzjoni tal-forzi tal-infurzar tal-liġi f'żoni tal-fruntieri (kooperazzjoni transkonfinali u pattulji konġunti),

FILWAQT LI JQIS il-fatt li t-tipi differenti ta' pattulji konġunti implimentati mill-Istati Membri diġà taw prova tal-valur miżjud tagħhom u għabu magħhom riżultati tanġibbli u viżibbli, kif ukoll soluzzjonijiet sostenibbli fir-rigward tat-tisħiħ tas-sigurtà,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA l-kontribut tal-Istati Membri li l-Presidenza Rumena rċeviet fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi,

FILWAQT LI JIBNI fuq l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Prüm fl-Istati Membri, u b'mod aktar partikolari l-pattulji konġunti introdotti fl-Artikolu 17 tagħha,

FILWAQT LI JIFHEM l-importanza li tingħata attenzjoni speċjali lil dawn l-aspetti speċifiċi tal-attivitajiet ta' prevenzjoni mill-pulizija Ewropej,

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-hteġa li jiġu identifikati u allokat i riżorsi adegwati, u li jsir użu effiċjenti u strateġiku tal-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea disponibbli fil-qasam tas-sigurtà interna,

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

1. **JISSOTTOLINJA** l-hteġa ta' approċċ imsaħħaħ u preventiv għall-metodi tal-attivitajiet tal-pulizija, li jistinkaw biex jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' post aktar sikur għaċ-ċittadini Ewropej kollha,
2. **FILWAQT LI JISTIEDEN** lill-Istati Membri biex jagħmlu użu aktar effiċjenti tal-qafas legali eżistenti fil-livell nazzjonali u Ewropew rigward l-iskjerament ta' uffiċjali involuti f'pattulji konġunti u operazzjonijiet konġunti oħra sabiex jiżguraw is-sigurtà pubblika fir-rigward taċ-ċittadini tal-UE fit-territorju ta' Stati Membri oħra,

3. **JAPPELLA** lill-Istati Membri, lill-istituzzjonijiet tal-UE u l-aġenziji tal-ĠAI biex jimpenjaw ruħhom b'mod attiv biex jiżguraw l-implimentazzjoni operattiva effettiva ta' ċerti aspetti tal-attivitajiet ta' prevenzjoni mill-pulizija relatati mat-titjib tal-pattulji u l-operazzjonijiet konġunti bejn l-Istati Membri, waqt li jipprovdu, fejn ikun meħtieġ, uffiċjali tal-pulizija mħarrġa b'mod adegwat bl-esperjenza professjonali meħtieġa biex jindirizzaw l-aspetti speċifiċi tal-forom kollha ta' kooperazzjoni koperti mill-pattulji konġunti,
4. **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni biex tidentifika strumenti finanzjarji xierqa biex tilqa' għall-isfidi dinamiċi tal-ambjent Ewropew, twettaq l-attivitajiet transkonfinali u internazzjonali tagħha u tilħaq l-oġettivi tagħha b'mod effiċjenti u aktar mgħaġġel,
5. **JINNOTA** l-importanza ta' taħriġ inizjali u kontinwu fl-attivitajiet tal-infurzar tal-liġi u **JISTIEDEN** lis-CEPOL biex tiżviluppa kurrikuli ta' taħriġ immirati, soġġett għar-riżorsi disponibbli u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-prattikanti nazzjonali, u tippromwovi l-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki bejn l-Istati Membri,
6. **JILQA'** l-parteċipazzjoni attiva tan-netwerks rilevanti tal-LEWP⁴ fit-tisħiħ tal-attivitajiet ta' prevenzjoni mill-pulizija,
7. **JISTIEDEN** lill-presidenzi futuri biex ikomplu jaħdmu f'dan il-qasam, u

JISTIEDEN lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi biex jevalwa, kull meta jkun meħtieġ, il-valur miżjud tal-pattulji konġunti u operazzjonijiet konġunti oħra u jiddiskuti l-isfidi li jiltaqgħu magħhom l-istituzzjonijiet involuti u l-uffiċjali mibgħuta.

⁴ Abbozzar ta' linji gwida u skambju tal-aħjar Prattiki